MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 904/2002

**FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 31 t’ Ottubru, 2003.**

**Kawza Nru: 16.**

**Citaz Nru: 904/02 JA.**

**HSBC Bank Malta plc.**

**-vs-**

**Stevens Industrial Systems (Malta) Limited u Steven Gareth Jones.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fis-6 t’ Awissu, 2002 , li bih s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi d-ditta Stevens Industrial Systems (Malta) Limited hija debitirici ta’ l-atturi kif ser jinghad:

Ghall-ammont ta’ hmistax il-elf, hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm15,527.56) liema somma tinkludi Lm71.47 interessi kalkolati bil-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-11 ta’ Lulju 2002 sal-1 t’ Awissu 2002 dovuti skond overdraft account bin-numru 064 044613 340, u bl-interessi tat-8% fis-sena mill-1 ta’ Awissu, 2002 sal-hlas efettiv Dok A huwa state ment of account;

Illi l-konvenut l-iehor dahal garanti solidali mad-ditta debitrici principali ghas-somma ta’ Lm15,000.00 biss, fuq is-somma dovuta fuq l-overdraft account u dan permess ta’ skrittura ta’ garanzija Dok B.

Illi interpellati b’ ittra bonarja l-konvenuti baqghu inadempjenti Dok C; Hemm wkoll dovut imghax kontra l-garanti minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni sal hlas effettiv bit-8% fis-sena;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici titlob lill-din l-Onorabbi Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tikundanna u tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammonti ta’:

Hmistax il-elf, hames mija u sebha u ghoxrin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm15,527.56) liema somma tinkludi Lm71.47 interessi kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-11 ta’ Lulju 2002 sa’ l-1 t’ Awissu 2002 dovuti skond overdrat account bin-numru 064 044613 340, u bl-interessi tat-8% fis-sena mill-1 t’ Awissu, 2002 sal-hlas effettiv Dok A huwa statement of account;

B’ dan illi l-garanti in solidum il-konvenut Steven Gareth Jones fuq is-somma dovuta ghandu jkunu biss kundannat ihalals sas-somma ta’ hmista il-elf lira Maltin (Lm15,000.00) – bl-imghax tat-8% fis-sena minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni sal hlas effettiv.

Bl-ispejjezz u bl-interessi kif jinghad fuq.

Il-konvenuti ingunti jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------